MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 750/1993/1

**Joseph Cini**

**Vs**

**Gerald Galea**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attur huwa proprjetarju tal-fond “St. George”, Tal-Wej Road, Mosta mentri da parti tieghu l-konvenut huwa proprjetarju tal-fond adjacenti “Jerry House’, Alley 6, Main Street, Mosta;

Premess illi z-zewg fondi ghandhom kull wiehed minnhom "front garden" separat minn hajt divizorju;

Premess illi fil-front garden tieghu l-konvenut f'distanza qasira hafna u f'inqas minn dik li tippermetti l-ligi, ghandu sigra tal-ficus, li sa ftit zmien ilu kellha zokk twil bil-frieghi li nqatghu mill-istess konvenut wara li gie nterpellat mill-attur sabiex jaghmel dan;

Premess illi l-konvenut halla din is-sigra hemm biz-zokk principali taghha u bl-eghruq, liema gheruq qeghdin jikkawzaw hsara fil-fond tal-attur u dan kif jirrizulta mill-ittra rilaxxjata mill-Perit Andrew' Zammit (ara Dokument "A");

Premess illi ghalhekk dan iz-zokk qieghed b'kull kaz jikkawza l-imsemmija hsara fil-fond tal-attur u sabiex din il-hsara tigi eliminata u ma tkomplix tikber jehtieg li jinqala' dan iz-zokk bl-gheruq b'kollox;

Premess illi l-konvenut interpellat sabiex jaqla' dan iz-zokk baqa' inadempjenti;

Talab ghalhekk l-istess attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna u tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju jaqla' u jnehhi z-zokk u l-gheruq tas-sigra in kwistjoni fil-"front garden" tieghu okkorrendo b'opera ta' periti nominandi; u

2. Fin-nuqqas li jaghmel dan, l-attur jigi awtorizzat jaghmel dak kollu necessarju ghall-iskop tal-ewwel talba a spejjez tal-konvenut bl-assistenza tal-Marixxalli u Pulzija f'kaz ta' xkiel u opposizzjoni da parti tal-konvenut b'rizerva ghal kull azzjoni ulterjuri ghad-danni;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri bonarji mibghuta lill-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi z-zokk tal-imsemmija sigra qieghed fid-distanza li trid il-ligi mill-hajt divizorju ta’ bejn il-kontendenti (art. 437 (2) tal-Kodici Civili);

2. Illi in ogni kaz l-istess artikolu 432 tal-Kodici Civili ma hux applikabbli ghall-kaz in virtu tas-subartikolu hamsa (5) ta’ dan l-artikolu stess stante li z-zokk ma jaqbizx l-gholi tal-hajt divizorju;

3. Illi ukoll ma hux minnu li qed issir xi hsara lill-attur;

4. Illi l-attur ma interpellax lill-konvenut biex jaqla’ l-imsemmi xokk u anqas ma gab a konoxxenza tieghu l-fatt li setghet kienet qed issir hsara, u ghalhekk it-talba attrici hija intempestiva u l-attur ghandu jbati l-ispejjez tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut, u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

In vista tal-verbal tal-4 ta’ Frar 1998 (fol 36) fejn jinghad li l-meritu tal-kawza gie ezawrit, il-kwistjoni bejn il-kontendenti baqghet biss fuq il-kap tal-ispejjez. Dan ghaliex kif stabbilit mill-provi u min-Nota tal-attur (fol 31) iz-zokk meritu tal-kawza nqala’ mill-konvenut.

Kif spiss hu l-kaz f’sitwazzjoni konsimili l-Qorti jehtiegilha tinvestiga l-meritu kollu biex tiddetermina min fost il-partijiet ghandu ragun. Jekk huwiex l-attur fl-allegazzjonijiet centrali tieghu jew huwiex il-konvenut fl-opposizzjoni tieghu ghall-azzjoni.

Il-premessi preambulari ghat-talbiet tal-azzjoni ta’ l-attur huma ben distinti. Huwa qed jallega li:-

(a) Is-sigra tal-ficus fil-front garden ta' l-attur ma kenitx fid-distanza regolamentari li trid il-ligi;

(b) F'kull kaz l-istess sigra kienet ikkawzatlu hsarat fil-fond tieghu.

Wiehed necessarjament jifhem illi meta l-attur iffonda l-obbjett tad-domandi tieghu fuq dawn il-premessi huwa gja kellu ghad-disposizzjoni tieghu t-taghrif kollu mehtieg li kien jiddemostra l-ezistenza tal-fatti determinanti kif minnhu premess fil-korp tac-citazzjoni. Dan ghaliex mhuwiex konsentit li l-kawzi jservu ta' espedjent biex wiehed jikkonduci ricerka ta' fatti ignoti ghall-istess proponent ta' l-azzjoni. Fil-kawza, invece, huwa ghandu bi provi sikuri jissostanzja l-fatti u mhux jippretendi illi l-kawza ghandha sservi biex ikunu maghrufa l-fatti. Dan ma huwiex legalment accettabbli billi l-Qorti ma hijiex "information bureau" izda qorti li quddiemha jingiebu l-provi fuq il-fatti ghas-soluzzjoni tal-kaz.

Dan kollu qed jinghad in kwantu, b'applikabilita` tal-principji generali tad-dritt, "incumbit probatio ei qui dicat non ei qui negat". Jekk din il-lakuna probatorja ma tigix kolmata, jibqa' jimpera l-principju "actore non probante, reus absolvitur".

Issa huwa minnhu illi bhala konsiderazzjoni ta' dritt "*hadd ma jista' jhawwel fil-fond tieghu sigar ta' zokk gholi f'boghod ta' anqas minn zewg metri u erbghin centimetru, jew sigar ohra f'boghod ta' anqas minn metru u ghoxrin centimetri, mil-linja li taqsam il-fond tieghu mill-fond tal-gar*." (Art 437 (1) tal-Kodici Civili).

Jinghad imbaghad f'subinciz (3) ghall-istess Artikolu illi kemm jekk is-sigar ikunu jinstabu jew le, fid-distanza regolamentari, jekk dawn jipprokuraw hsara lill-gar dan jista' jitlob li jinqalghu.

Dan necessarjament ifisser fil-kaz in ezami illi meta l-attur ntroduca l-azzjoni tieghu huwa gja' kellu xjenza kemm

tan-nuqqas tad-distanza statutorja tas-sigra tal-ficus kif ukoll tal-hsara. Hekk kellu jkun ragjonevolment mistenni.

F'kaz konsimili ghal dan, u fejn ukoll si trattava minn thawwil ta' sigar tal-ficus, apparti sigar ohra tal-harrub, l-attur wera b'perizja ex parte kemm il-fatt tan-nuqqas ta' zamma tad-distanza dettata mil-ligi kif ukoll il-fatt tal-hsara ("**Giovanni Bezzina –vs- Can. Decano Sac. Gio. Carlo Borg Olivier**", Prim'Awla tal-Qorti Civili, 3 ta' Mejju 1884.)

Fil-kaz de quo l-attur de quo wkoll ipprezenta rapport tal-Perit Andre` Zammit (fol 4) li pero` llimita ruhu ghal osservazzjoni dwar il-"*crack fit-tiles*" u li "*it is possible* (mhux 'probable') *that it may be due to upward pressure by the roots of the tree"*.

Intant l-imsemmi perit ma giex, imbaghad, prodott bhala xhud biex jissostanzja dak li qal. Lanqas ma gie provat b'xi xhieda ohra, jew dik ta' l-attur innifsu, illi l-fatti minnu premessi kienu korretti f'kull aspett. Huwa invece strah ghal kollox, kif hekk manifest mid-dibattitu orali traskritt (fol 54 et sequitur) ghal fatt illi gjaladarba fil-mori tal-gudizzju l-konvenut nehha z-zokk ergo issa, indipendentement minn kull kostatazzjoni fattwali u legali, dan, skond hu, kellu jfisser lill-konvenut issokkomba ghall-azzjoni.

Bir-rispett kollu dovut ghal din is-sottomissjoni din il-Qorti ma tikkondividix dan l-argoment. Il-punt ma jistax jitqies daqstant semplicistiku kif qed jippretendi l-attur.

Kif gja abbondantament espress 'supra', l-attur htieglu jipprova dak li hu stess 'in primo luogo' allega, jigifieri li s-sigra ma kienetx imhawwla fid-distanza preskritta mil-ligi u li, kienet, jew ma kienetx, hekk f'din id-distanza, li din is-sigra ikkawzatlu dannu. L-ezami ta' dawn il-fatti – distanza u hsara – setghet dejjem issir, fl-impossibilita' ta' spezzjoni diretta, minhabba l-qlugh taz-zokk, permezz ta' provi u xhieda ohra. Minn dan kollu ma gie provat xejn. Lanqas, kif gja accennat, billi pproduca lill-perit li rrediegilu r-rapport. F'din id-data sitwazzjoni kollu jigi ribadit il-principju illi l-oneru jibqa' dejjem jinkombi fuqu bhala attur.

Huwa wisq maghruf illi l-attur li jallega ma jistax jiskarta l-oneru tieghu bis-semplici referenza ghal principju "reus in excipiendo fit actor". Dan ghaliex l-oneru centrali tal-addebitu jibqa' fuqu. U fuq dan il-kaz l-allegazzjonijiet fil-premessi tieghu ma humiex sorretti jew ghallanqas, mhumiex sodisfacentement pruvati.

Ghal dawn il-motivi:-

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-meritu in raguni ghall-verbal quddiem dina l-Qorti tal-4 ta' Frar 1998, takkolla l-ispejjez tal-istess kawza fuq l-attur. Dan ghal motivi fuq senjalati.

--------------------------------TMIEM--------------------------------